**15 ta' Frar, 1984**

**Imħallef:-**

## Onor. Carmelo Scicluna LL.D.

Francis Xavier Aquilina

*versus*

Carlo Leone Ganado *et*

## Dejn - Imgħax Kompost - Talba għal dan l-Imgħax

*Skond l-artikolu 1185 tal-Kodiċi Ċivili, biex jgħaddu l-imgħaxijiet fuq imgħaxijiet ġà magħluqa jeħtieġ li l-imgħaxijiet ikollhom jingħataw għal żmien ta' mhux anqas minn sena; jeħtieġ ukoll li l-kreditur ikun sejjaħ lid-debitur biex iħallas dawk l-imgħaxijiet komposti permezz ta' talba ġudizzjarja għal daqshekk.*

*Din it-talba għandha ssir permezz ta' ċitazzjoni u mhux sempliċement b'ittra uffiċjali jew att ġudizzjarju ieħor li ma jkunx promotorju ta' azzjoni.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi permezz ta' att pubbliku min-Nutar Dr. Joseph Brincat, l-istanti silef lill-konvenuti sebat elef u tliet mitt lira (Lm7,300), restitwibbli kif hemm fid-dikjarazzjoni; u peress li sal-25 ta' Ġunju, 1983, skadew tliet rati ta' imgħax fis-somma ta' tmien mija u sitta u sebgħin lira (Lm876); talab illi l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu lill-istanti l-interessi komposti tat-tmienja fil-mija fuq l-imsemmija somma ta' Lm876 mill-ġurnata tal-preżentata taċ-ċitazzjoni, skond it-termini ta' l-artikolu 1185 tal-Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha qalu: (1) li kienu qed jipprotestaw ruħhom għall-ispejjeż inutili li l-attur irrekalhom b'din il-kawża, meta pproċeda b'ċitazzjoni flok b'mera ittra uffiċjali, li hija att ġudizzjarju skond it-termini ta' l-artikolu 1185 tal-Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta; u (2) illi ma kinux qed jopponu t-talba għall-interessi komposti, salv verifika tas-somma dovuta;

Rat l-atti kollha tal-proċess; u

Ikkunsidrat:

Illi, kif jidher mill-provi proċeswali, b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Joseph Brincat, fit-12 ta' Frar, 1981, l-attur silef lill-konvenuti s-somma ta' sebat elef lira (Lm7,000), liema somma l-istess konvenuti kienu ddelegaw lill-attur iħallasha fuq l-istess kuntratt, b'surroga ta' drittijiet, lil terzi persuni, kif fil-fatt hekk sar; u bl-istess kuntratt il-konvenuti kienu ddikjaraw ruħhom debituri ta' l-attur f'somma oħra ta' Lm300 li kienu rċevew mingħandu *brevi manu*. Il-konvenuti kellhom jirrestitwixxu l-imsemmija somma ta' Lm7,300, b'kollox, kwantu għal Lm4,000 fi żmien sena u nofs mill-kuntratt u l-bilanċ fi żmien sitt xhur - bl-interessi tat-8% fis-sena pagabbli kull sitt xhur b'lura;

Illi, mid-dikjarazzjoni ġġuramentata ta' l-attur (li ma ġietx kontradetta), l-imgħax tħallas sas-26 ta' Diċembru, 1981. Għalhekk huma dovuti l-interessi għall-iskadenzi li għalqu fil-25 ta' Ġunju, u fil-25 ta' Diċembru tas-sena 1982, u fil-25 ta' Ġunju, 1983 (iċ-ċitazzjoni saret fis-7 ta' Lulju, 1983), u dana l-ammont ta' Lm292 (i.e. Lm8 x 7300 ÷ 100) għal kull skadenza, b'kollox Lm876 (Lm292 x 3). Dan l-ammont ma jidhirx li huwa kkontestat mill-konvenut, u l-kontestazzjoni tagħhom hija aktar ibbażata fuq min għandu jħallas l-ispejjeż ta' din l-istanza;

Illi b'din l-istanza l-attur qed jitlob li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuh l-interessi komposti fuq l-imsemmija interessi skaduti (u naturalment, mhux imħallsa) tat-8% fis-sena, mill-ġurnata tal-preżentata taċ-ċitazzjoni . Huwa qiegħed espressament jibbaża t-talba tiegħu fuq id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 1185 tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jgħid hekk:

"L-imgħaxijiet magħluqa jistgħu jagħtu imgħaxijiet oħra, sew bis-saħħa tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel dan, minn dakinhar tat-talba ġudizzjarja għaldaqshekk, u sew bi ftehim li jsir wara li jagħlqu, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, l-imgħaxijiet ikollhom jingħataw għal żmien ta' mhux anqas minn sena";

Mela biex jgħaddu l-imgħaxijiet fuq imgħaxijiet ġà magħluqa, jenħtieġ fl-ewwel lok li, kif jipprovdi t-test Ingliż ta' l-artikolu 1185, "*interest be due for a period of not less than one year*" - ċirkostanza din li tirrikorri fil-każ in eżami, peress li għandhom jingħataw mill-konvenuti lill-attur imgħaxijiet ta' tmintax-il xahar. Inoltre, jenħtieġ ukoll jew: (a) li l-partijiet ikkonċernati jkunu ftehmu li jitħallsu l-imgħaxijiet komposti wara li jkunu għalqu l-imgħaxijiet oriġinali - ċirkostanzi din però li ma tirrikorrix fil-każ in eżami; jew inkella (b) li l-kreditur ikun sejjaħ lid-debitur biex iħallas l-imgħaxijiet komposti permezz ta' talba ġudizzjarja għaldaqshekk. Dan ġie kkonfermat mill-Qorti ta' l-Appell meta qalet li l-artikolu 848 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868 (korrispondenti għall-artikolu 1185 tal-Kodiċi Ċivili) "*permette la capitalizzazione degli interessi scaduti, concorrendovi però le seguenti due condizioni; (1) che la costituzione degli interessi in nuova capitale fruttifero si faccia dietro domanda giudiziaria e per convenzione "posteriore" alla scadenza dei medesimi, e (2) che nell'uno e nell'altro caso, gli interessi siano dovuti per un tempo non minore di un anno*" (Vol. XXIII.I.638);

Issa, il-kwistjoni odjerna bejn il-partijiet hija din: l-attur għamel it-talba tiegħu għall-intressi komposti permezz ta' *ċitazzjoni*, ċjoè *l-istanza* odjerna; u *l*-konvenut qed jobbjetta għal din il-proċedura u jgħid li talba permezz ta' mera ittra uffiċjali (proċedura ferm inqas dispendjuża minn ċitazzjoni) kienet tkun biżżejjed, u kwindi pprotesta ruħu għall-ispejjeż;

Illi ġie deċiż minn din il-Qorti li "*i lucri dei lucri non sono dovuti in difetto di una domanda giudiziaria, alla quale non è equipollente una interpellazione con lettera ufficiale od altro atto giudiziario*" (**Concetta Vella** ***vs*** **Maria Grazia Caruana** ***et*** - Vol. XXI.II.357). F'din il-kawża saret referenza għal kawża oħra **Bugeja** ***vs*** **Mirabita**, ippubblikata fil-Kollezzjoni, Vol. VII, paġna 386, fejn ġie deċiż l-istess punt, u f'dak il-każ l-att ġudizzjarju adoperat kien il-protest;

Minn dan jidher li t-talba għall-imgħaxijiet komposti għandha ssir permezz ta' ċitazzjoni u mhux sempliċement b'ittra uffiċjali jew att ġudizzjarju ieħor li ma jkunx promotorju ta' azzjoni. Il-Qorti kif illum presjeduta taqbel ma' din l-interpretazzjoni dwar il-kliem "talba ġudizzjarja" (*domanda gudiziaria* fit-test antik Taljan), fit-test ta' l-artikolu 1188. Li l-liġi tagħmel distinzjoni biex *judicial act* u *judicial demand*, u dan jidher aktar mit-termini ta' l-artikolu 2234 tal-Kodiċi *Ċivili* (li jittratta mill-interruzzjoni tal-preskrizzjoni), fejn il-kliem "*the demand, protest*" u "*other judicial act etc*" huma tradotti bil-kliem "it-talba, il-protest, jew att ġudizjarju ieħor". Inoltre, l-artikolu 2233 ta' l-istess Kodiċi jitkellem mill-interruzzjoni tal-preskrizzjoni permezz ta' *Judicial Act* (fit-test Malti Att Ġudizzjarju), filwaqt li l-artikolu 2236 isemmi l-interruzzjoni *by judicial demand* (fit-test Malti b'talba ġudizzjarja), u jispiċċa bil-kliem "*and has obtained a judgement on such demand*" (fit-test Malti "u jieħu sentenza fuq dik it-talba"), liema kliem juri ċar u tond li b'talba ġudizzjarja għandha tiftiehem l-azzjoni ġudizzjarja li tista' tkun promossa, fost oħrajn, permezz taċ-

ċitazzjoni (u ċertament mhux bl-ittra uffiċjali);

Fl-aħħarnett, kieku l-leġislatur ried li għall-iskop ta' l-imgħaxijiet komposti intimazzjoni permezz ta' ittra uffiċjali (li l-Qorti taqbel li hija koperta bil-kliem att ġudizzjarju), kienet tkun biżżejjed, kien juża l-kliem *judicial act* (kif għamel l-artikolu 1184) u mhux il-kliem *judicial demand* (kif għamel l-artikolu li jsegwih);

Illi għalhekk l-azzjoni ta' l-attur hija waħda ritwali, u l-objezzjoni tal-konvenut mhix sostenibbli;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-attur; u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur l-interessi komposti tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-imgħaxijiet magħluqa fil-25 ta' Ġunju, u fil-25 ta' Diċembru, tas-sena 1982, u fil-25 ta' Ġunju tas-sena 1983, u dana min-notifika taċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż ta' din l-istess jitħallsu mill-konvenuti.